MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-18 ta' Awwissu, 2003

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Carmel Mallia li gie akkuzat talli fl-14 ta’ Lulju, 2003 wara nofsinhar, fil-Belt Valletta, u/jew fi bnadi ohra f’dawn il-gzejjer,

(a) eccita, ghin jew iffacilita l-korruzzjoni ta’ minuri ta’ hmistax-il sena Manon Anne Helene Delpuech, ta’ nazzjonalita’ Franciza,
(b) ikkommetta attentat vjolent ghall-pudur fuq l-istess minuri ta’ hmistax-il sena, Manon Anne Helen Delpuech,
(c) offenda l-pudur jew il-morali b’ghemil li sar f’lok pubbliku u/jew f’lok espost ghall-pubbliku.

Aktar talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija, u dan fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti datata 24/04/2003 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat li l-akkuzat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan fl-istadju ta' l-interrogatorju u dan wara li anke inghata debita zmien jahseb fuq l-istess ammissjoni.

Rat ukoll li l-Probation Officer kif ukoll il-psikjatra esebew ir-relazzjonijiet taghhom.

Ikkonsidrat ukoll dak hemm imnizzel u l-problema li biha hu affettwat l-istess akkuzat. Ikkonsidrat ukoll dak li hemm imnizzel fir-rapporti msemmija b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet fl-istess. Rat ukoll il-fedina penali ta' l-akkuzat. Ikkonsidrat pero' li jidher li m'hemmx qbil bejn dak prodott fil-fedina penali u dak li hemm rifless fis-sentenza esebita (mhux legali) fejn m'hemmx qbil jekk l-akkuzat kienx fil-fatt taht sorveljanza tal-Probation Officer Carmen Nygaar. Illi fil-fatt huwa dan id-disgwid bejn il-fedina penali u s-sentenza (li taghha l-Qorti ma ngabitx kopja legali) li jgieghel lill-Qorti taghti s-sentenza li gejja u dan ghaliex l-istess Qorti ghalkemm tapprezza l-gravita' tal-kaz, il-frekwenza tar-reat, pero' thoss li l-akkuzat kien jibbenefika kieku verament inzamm taht ordni ta' supervizjoni.

Ghaldaqstant qeghda in kwantu ghal piena wara li rat l-artikolu 203, 207 209 u 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, rat l-art 28B (a) tqis il-perjodu operattiv tas-sentenza moghtija fl-24 ta' April, 2003 ghandu jibqa' jsehh.

Dwar il-piena tal-kaz in dizamina tikkundannah ghar-reati in dizamina ghal piena karcerarja ta' sentejn li ghandhom jibqghu sospizi ghal erba' snin wara li rat 28A tal-Kap 9. Rat ukoll l-Art 28G tal-Kap 9 u tqieghed lil Carmel Mallia taht ordni ta' supervizjoni ta' sentejn taht is-sorveljanza tal-Probation Officer Victoria Grech skond il-kundizzjoni ta' l-ordni ta' supervizjoni hawn annessa.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni Nru. 591/03**

**Illum 18 ta' Awissu, 2003.**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Louise Calleja)**
**(Sp. Ramon Mercieca)**

**vs**

**Carmel Mallia iben Carmel u Antonia imwielda Mangion, mwieled Pieta' fit-30 ta' Marzu, 1974, u joqghod 13, Triq San Giljan, Birkirkara u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 211974 (M)**

**Ordni ta' Supervizjoni**

Wara li rat l-art 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tqieghed lill-hawn fuq imsemmi Carmel Mallia taht ordni ta' supervizjoni ghal sentejn u qeghda ghal dan l-iskop tahtar lil Probation Officer Victoria Grech, u b'dan illi l-istess Probation Officer wara li tkun identifikat il-problema ta' Carmel Mallia ghandha tindirizzah lejn is-soluzzjoni taghha anke jekk thoss il-bzonn ta' Perit Psikjatriku biex jghinha fl-istess.

Huwa ghandu jzomm dak il-kuntatt ma' l-Ufficjal tal-Probation skond kif lilu minnha ordnat u jekk jibdel l-

indirizz fejn jirrisjedi u cioe l-indirizz hawn fuq imsemmi ghandu javzaha minnufih bl-indirizz il-gdid.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------